# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 39.**
**Citazz. Nru. 1589/00 JRM**

**SCHEMBRI & SONS LTD.**

**vs**

**George u Rosalinda konjugi MALLIA.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut skond statement numru MAG001 datat 17 ta' Lulju, 2000 diversi partiti ta' prestressed slabs ta'diversi hxuna ammontanti globalment ghas-somma ta' tmint elef seba' mija hamsa u tmenin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm8785.22c);

Illi l-konvenut ghadu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm8785.22c (tmint elef seba' mija hamsa u tmenin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) oltre l-imghax legali mis-17 ta' Lulju, 2000 prezz tal-imsemmijin prestressed slabs;

Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi biex ihallas is-somma ta' Lm8785.22c oltre l-imghax legali kif fuq intqal, dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm8785.22c oltre l-imghax legali mis-17 ta' Lulju, 2000 sad-data tal-pagament, prezz ta' prestressed slabs mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 2528/2000 pprezentat fis-17 ta' Lulju 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' tmint elef seba' mija hamsa u tmenin liri maltin u tnejn u ghoxrin centemzu (Lm8785.22c) oltre l-imghax legali mis17 ta' Lulju, 2000 sad-data tal-pagament, prezz ta' prestressed slabs mibjugha u kkonsenjatli lill-konvenut u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

*17 ta' Jannar, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**17 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2001.**